

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10122/22

SOC 377  
EMPL 254  
ECOFIN 613

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal proċedura ta' żbilanċi soċjali fil-qafas taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew - Skambju ta' fehmiet

---

Bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tas-16 ta' Ġunju 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

# Nota dwar il-proposta mill-Belġju u minn Spanja għal proċedura ta' żbilanċi soċjali

## Skambju ta' fehmiet

### INTRODUZZJONI

Fil-Kunsill EPSCO tal-15 ta' Ottubru 2021 u għal darb'oħra fil-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2021, il-Belġju u Spanja pproponew l-istabbiliment ta' Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali (*social imbalances procedure, SIP*) ġdida biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew.

Għalhekk, fis-27 ta' Jannar 2022, il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bagħtet ittra ta' mandat lill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw għarfien espert tekniku preliminari biex jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet mill-ministri.

### RIŻULTATI TAL-ĦIDMA FIL-LIVELL TAL-KUMITATI PREPARATORJI

Il-membri tal-kumitati ħadmu, inkluż fis-sottogruppi indikaturi EMCO-IG u CPS-ISG, biex jippreparaw opinjoni dwar il-kwistjoni. Din l-opinjoni (9222/22) tippreżenta l-konklużjonijiet tal-iskambji li saru fi ħdan il-Kumitati u mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE).

Dawn jissuġġerixxu li tali proċedura tista' tibni fuq it-Tabella ta' valutazzjoni soċjali biex tkun integrata fis-Semestru Ewropew. Madankollu, id-delegazzjonijiet jibqgħu ma jaqblux bejniethom dwar id-definizzjoni eżatta ta' x'għandu jitqies bħala "żbilanċ soċjali" (u sa ċertu punt dwar l-indikaturi u l-limiti li jistgħu jintużaw), iżda wkoll dwar il-valur miżjud ta' tali proċedura fir-rigward tal-istrumenti diġà eżistenti, fuq il-bażijiet legali ta' tali strument, il-piż amministrattiv li jirriżulta u l-perjodu ta' żmien li fih jista' jiġi integrat fis-Semestru. Barra minn hekk, il-membri tal-KPE, li ġew ikkonsultati wkoll, enfasizzaw il-problema tal-perjodu ta' żmien ta' din l-inizjattiva, meta jitqies ir-rieżami li għaddej tal-governanza ekonomika Ewropea u tal-iżviluppi futuri potenzjali tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (MIP).

## KONKLUŻJONI

Fil-COREPER tal-25 tal Mejju, il-Prezidenza kellha skambju inizjali li matulu ngħataw indikazzjonijiet preliminari. Xi delegazzjonijiet appoġġaw din l-inizjattiva u indikaw il-ħtieġa li jingħata aktar spazju lill-EPSCO u l-politiki soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Oħrajn, min-naħa l-oħra, enfasizzaw il-ħtieġa li s-Semestru ma jsirx aktar ikkumplikat u esprimew dubji dwar il-valur miżjud ta' din l-inizjattiva. Fl-aħħar nett, grupp ta' delegazzjonijiet kellhom fehma aktar sfumata u ssuġġerew il-kontinwazzjoni tal-ħidma teknika, inkluż l-organizzazzjoni ta' proġett pilota abbażi ta' parteċipazzjoni volontarja.

Għalhekk, fil-kuntest ta' skambju ta' fehmiet, il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-segwitu għal din il-proposta billi jwieġbu l-mistoqsija li ġejja:

- *Taħseb li l-inklużjoni ta' tali proċedura fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tissodisfa t-talba ta' xi Stati Membri biex ikomplu jenfasiszaw il-politiki soċjali u, jekk iva, sa liema data tixtieq tara li din tiġi implimentata?*